# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LXI**
**Illum il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 23/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Joseph Pisani talli fis-7 ta' Ottubru, 1999 wara intervent u tfittxija li saret minn ufficjali tal-Pulizija fil-fond "La Stella", Triq it-Turisti, Bugibba instab li kien fil-pussess (billi kellu depozitati ghandu) ta' zewgt ifliexken Vodka tal-litru tal-marka Smirnoff u dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imissu jithallas u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni u/jew filli b'xi mod jiddisponi minn dawn l-oggetti; ix-xorb in kwistjoni, li gie maqbud bin-nota ta' qbid nru. 44/2000, ghandu valur ta' Lm2.80,0, dazju ta' importazzjoni Lm0.22,7 u dazju tas-sisa ta' Lm8.40,0, liema dazji ma gewx imhallsa jew kawtelati bi ksur tal-Artkoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-proviso tal-istess Artikolu 62 tal-Kap. 37, u l-Artikoli 16(j) u 17(a) tal-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Pisani hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu; il-parti dispozittiva tas-sentenza tispicca hekk: "Tikkundannah ghal gimgha prigunerija b'dan illi wara li rat l-Artkolu 28A tal-Kap. 9 tissospendi dan it-terminu ghal sitt xhur mill-lum. Tordna l-konfska tal-fliexken tax-xorb illi gew esebiti formalment ilum.";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fil-5 ta' Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukata Dott. Michaela Spiteri ghall-appellant Avukat Generali u lill-Avukat Dott. Angelo Farrugia ghall-appellat fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2001; ikkunsidrat;

Illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jirrigwarda l-piena nflitta, fis-sens li din ma kienitx skond il-ligi. L-Avukat Generali ghandu ragun. Skond il-

ligi l-periodu operattiv ta' sentenza sospiza ma jistax ikun ta' anqas minn sena (Art. 28A(1) tal-Kap. 9).

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti biss fejn stabbilit il-periodu operattiv bhala dak ta' sitt xhur, u minflok tistabilixxi periodu operattiv ta' sena, liema periodu ghandu jitqies li beda jiddekorri mill-25 ta' Jannar, 2001; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Ghal kull buon fini din il-Qorti qed tispjega lill-appellat Pisani bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv imsemmi reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur